

Opinjoni tal-Bord (Artikolu 64)



Opinjoni Nru 12/2020 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-awtorità superviżorja kompetenti tal-Finlandja rigward l-approvazzjoni tar-rekwiżiti għal akkreditazzjoni ta' kodiċi ta' korp ta' monitoraġġ tal-kondotta skont l-Artikolu 41 tal-GDPR

Adottata fil-25 ta' Mejju 2020

Werrej

1	SOMMARJU TAL-FATTI	4
2	VALUTAZZJONI.....	4
2.1	Raġunament ġenerali tal-Bord rigward l-abbozz ta' rekwiżiti tal-akkreditazzjoni sottomessa	4
2.2	Analiżi tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-Finlandja għall-korpi ta' monitoraġġ tal-Kodiċi ta' Kondotta.....	5
2.2.1	KUMMENTI ĠENERALI	5
2.2.2	INDIPENDENZA	6
2.2.3	KUNFLITT TA' INTERESS	7
2.2.4	PROĊEDURI U STRUTTURE STABBILITI	8
2.2.5	INDIRIZZAR TAL-ILMENTI B'MOD TRASPARENTI	9
2.2.6	STATUS LEGALI	9
3	KONKLUŻJONIJIET / RAKKOMANDAZZJONIJIET.....	9
4	RIMARKI FINALI	11

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 63, l-Artikolu 64(1)(c), (3) sa (8) u l-Artikolu 41(3) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (minn hawn 'il quddiem "GDPR"),

Wara li kkunsidra l-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018,¹

Wara li kkunsidra l-Artikolu 10 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu tal-25 ta' Mejju 2018,

Billi:

1) Ir-rwol ewlieni tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (minn hawn 'il quddiem "il-Bord") huwa li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR meta awtorità superviżorja (minn hawn 'il quddiem "SA") ikollha l-ħsieb li tapprova r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni ta' korp ta' monitoraġġ ta' kodiċi tal-kondotta (minn hawn 'il quddiem "kodiċi") skont l-Artikolu 41. Għalhekk, l-għan ta' din l-opinjoni huwa li tikkontribwixxi għal approċċ armonizzat fir-rigward tar-rekwiżiti ssuġġeriti li awtorità superviżorja għall-protezzjoni tad-*data* għandha tabbozza u li japplikaw matul l-akkreditazzjoni ta' korp ta' monitoraġġ tal-kodiċi mill-awtorità superviżorja kompetenti. Anki jekk il-GDPR ma jimponix direttament sett uniku ta' rekwiżiti għal akkreditazzjoni, huwa jippromwovi l-konsistenza. Il-Bord ifittex li jikseb dan l-oġġettiv fl-opinjoni tiegħu billi: l-ewwel nett, jagħmel talba lill-SAs kompetenti biex jabbozzaw ir-rekwiżiti tagħhom għal akkreditazzjoni ta' korpi ta' monitoraġġ ibbażati fuq l-Artikolu 41(2) tal-GDPR u fuq il-"Linji Gwida 1/2019 dwar il-Kodiċi ta' Kondotta u l-Korpi ta' Monitoraġġ skont ir-Regolament 2016/679" tal-Bord (minn hawn 'il quddiem il-"Linji Gwida"), bl-użu tat-tmien rekwiżiti kif deskritti fit-taqsimha tal-linji gwida dwar l-akkreditazzjoni (Taqsimha 12); it-tieni, jipprovdi lil SAs kompetenti gwida bil-miktub li tispjega r-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni; u fl-aħħar, billi jagħmel talba lil SAs kompetenti biex jadottaw ir-rekwiżiti f'konformità ma' din l-opinjoni sabiex jinkiseb approċċ armonizzat.

2) B'referenza għal Artikolu 41 tal-GDPR, l-awtoritajiet superviżorji kompetenti għandhom jadottaw rekwiżiti għal akkreditazzjoni ta' korpi ta' monitoraġġ tal-kodiċijiet approvati. Huma għandhom, madankollu, japplikaw il-mekkaniżmu ta' konsistenza sabiex jippermettu li jiġu stabbiliti rekwiżiti xierqa li jiżguraw li l-korpi ta' monitoraġġ iwettqu l-monitoraġġ tal-konformità mal-kodiċijiet b'mod kompetenti, konsistenti u indipendenti, u b'hekk jiffaċilitaw l-implimentazzjoni xierqa tal-kodiċijiet fl-Unjoni kollha u, b'riżultat ta' dan, jikkontribwixxu għal applikazzjoni xierqa tal-GDPR.

3) Sabiex kodiċi li jkopri l-awtoritajiet u l-korpi mhux pubbliċi jiġi approvat, korp (jew korpi) ta' monitoraġġ, irid(u) jiġi/jiġu identifikat(i) bħala parti mill-kodiċi u akkreditat(i) mill-SA kompetenti bħala li jista'/jistgħu jagħmel/jagħmlu monitoraġġ tal-kodiċi b'mod effettiv. Il-GDPR ma jiddefinixxix it-terminu "akkreditazzjoni". Madankollu, l-Artikolu 41(2) tal-GDPR jiddeskrivi r-rekwiżiti ġenerali għal akkreditazzjoni tal-korp ta' monitoraġġ. Hemm numru ta' rekwiżiti li għandhom jintlaħqu sabiex l-awtorità superviżorja kompetenti tkun sodisfatta biex takkredita korp ta' monitoraġġ. Is-sidien tal-

¹ Referenzi għall-"Unjoni" li jsiru f'din l-opinjoni għandhom jinftiehem bħala referenzi għaż-ŻEE".

kodiċi huma meħtieġa jispjegaw u juru kif il-korp propost tagħhom ta' monitoraġġ jilħaq ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 41(2) tal-GDPR biex jiksbu l-akkreditazzjoni.

4) Filwaqt li r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni tal-korpi ta' monitoraġġ huma soġġetti għall-mekkaniżmu ta' konsistenza, l-iżvilupp tar-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni previsti fil-Linji Gwida għandu jqis is-settur jew l-ispeċifitajiet tal-kodiċi. L-awtoritajiet superviżorji kompetenti għandhom diskrezzjoni fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-ispeċifitajiet ta' kull kodiċi, u għandhom jieħdu kont tal-leġiżlazzjoni rilevanti tagħhom. L-għan tal-opinjoni tal-Bord huwa għalhekk li jiġu evitati inkonsistenzi sinifikanti li jistgħu jaffettwaw il-prestazzjoni tal-korpi ta' monitoraġġ u konsegwentement ir-reputazzjoni tal-kodiċijiet ta' kondotta tal-GDPR u l-korpi ta' monitoraġġ tagħhom.

5) F'dan ir-rigward, il-Linji Gwida adottati mill-Bord iservu bħala linja ta' gwida fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' konsistenza. B'mod partikolari, fil-Linji Gwida, il-Bord jikkjarifika li għalkemm l-akkreditazzjoni ta' korp ta' monitoraġġ tapplika biss għal kodiċi speċifiku, korp ta' monitoraġġ jista' jkun akkreditat għal aktar minn kodiċi wieħed, sakemm jissodisfa r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni għal kull kodiċi.

6) L-opinjoni tal-Bord għandha tiġi adottata skont l-Artikolu 64 (3) tal-GDPR flimkien mal-Artikolu 10(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB fi żmien tmien ġimgħat mill-ewwel ġurnata tax-xogħol wara li l-President u l-awtorità superviżorja kompetenti jkunu ddeċidew li l-fajl huwa komplut. Fuq deċiżjoni tal-President, dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'sitt ġimgħat oħra, filwaqt li tiġi kkunsidrata l-kumplessità tas-suġġett.

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

1 SOMMARJU TAL-FATTI

1. L-Awtorità Superviżorja Finlandiża (minn hawn 'il quddiem "FI SA") issottomettiet l-abbozz ta' deċiżjoni tagħha li fih ir-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni għal korp ta' monitoraġġ ta' kodiċi ta' kondotta lill-Bord fejn talbet l-opinjoni tiegħu skont l-Artikolu 64 (1)(c), għal approċċ konsistenti fil-livell tal-Unjoni. Id-deċiżjoni dwar il-kompletezza tal-fajl ittiegħdet fis-17 ta' Frar 2020.
2. F'konformità mal-Artikolu 10 (2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bord, minħabba l-kumplessità tal-kwistjoni preżenti, il-President iddeċieda li jestendi l-perjodu inizjali ta' adozzjoni ta' tmien ġimgħat b'sitt ġimgħat oħra.

2 VALUTAZZJONI

2.1 Raġunament ġenerali tal-Bord rigward l-abbozz ta' rekwiżiti tal-akkreditazzjoni sottomess

3. Ir-rekwiżiti kollha tal-akkreditazzjoni sottomessi lill-Bord għal opinjoni jridu jindirizzaw b'mod sħiħ il-kriterji tal-Artikolu 41(2) tal-GDPR u għandhom ikunu konformi mat-tmien oqsma deskritti mill-Bord fit-taqsimha tal-akkreditazzjoni tal-Linji Gwida (Taqsimha 12, paġni 21-25). L-opinjoni tal-Bord għandha l-għan li tiżgura l-konsistenza u l-applikazzjoni korretta tal-Artikolu 41(2) tal-GDPR fir-rigward tal-abbozz ippreżentat.

4. Dan ifisser li, meta jiġu abbozzati r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni ta' korp għall-monitoraġġ tal-kodiċijiet skont l-Artikoli 41(3) u 57(1) (p) tal-GDPR, l-SAs kollha għandhom ikopru dawn ir-rekwiżiti bażiċi previsti fil-Linji Gwida, u l-Bord jista' jirrakkomanda li l-SAs jemendaw l-abbozzi tagħhom kif meħtieġ biex jiżguraw il-konsistenza.
5. Il-kodiċijiet kollha li jkopru l-awtoritajiet u l-korpi mhux pubbliċi huma meħtieġa li jkollhom korpi ta' monitoraġġ akkreditati. Il-GDPR espressament jagħmel talba lill-SAs, lill-Bord u lill-Kummissjoni biex "jinkoraġġixxu t-tfassil ta' kodiċijiet ta' kondotta maħsuba biex jikkontribwixxu għall-applikazzjoni xierqa tal-GDPR, b'kont meħud tal-karatteristiċi speċifiċi tad-diversi setturi tal-ipproċessar u l-ħtiġijiet speċifiċi ta' impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju." (l-Artikolu 40(1) tal-GDPR). Għalhekk il-Bord jirrikonoxxi li r-rekwiżiti jeħtieġ li jaħdmu għal tipi differenti ta' kodiċijiet, japplikaw għal setturi ta' daqs differenti, jindirizzaw diversi interessi involuti u jkopru attivitajiet ta' pproċessar b'livelli differenti ta' riskju.
6. F'xi oqsma, il-Bord jappoġġa l-iżvilupp ta' rekwiżiti armonizzati billi jħeġġeġ lill-SA tikkunsidra l-eżempji pprovduti għall-għanijiet ta' kjarifikazzjoni.
7. Meta din l-opinjoni tibqa' siekta dwar rekwiżit speċifiku, dan ifisser li l-Bord mhux qed jitlob lill-FI SA biex tieħu aktar azzjoni.
8. Din l-opinjoni ma tirriflettix fuq punti sottomessi mill-FI SA, li huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 41(2) tal-GDPR, bħal referenzi għal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Minkejja dan, il-Bord josserva li l-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tikkonforma mal-GDPR, fejn meħtieġ.

2.2 Analiżi tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-Finlandja għall-korpi ta' monitoraġġ tal-Kodiċi ta' Kondotta

9. Filwaqt li jiġi kkunsidrat li:
 - a. l-Artikolu 41(2) tal-GDPR jipprovdi lista ta' oqsma ta' akkreditazzjoni li korp ta' monitoraġġ jeħtieġ jindirizza sabiex jiġi akkreditat;
 - b. l-Artikolu 41(4) tal-GDPR jeħtieġ li l-kodiċijiet kollha (minbarra dawk li jkopru l-awtoritajiet pubbliċi skont l-Artikolu 41(6)) ikollhom korp ta' monitoraġġ akkreditat; u
 - c. l-Artikolu 57(1) (p) u (q) tal-GDPR jipprevedi li awtorità superviżorja kompetenti trid tabbozza u tippubblika r-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni għall-korpi ta' monitoraġġ u tmexxi l-akkreditazzjoni ta' korp għall-monitoraġġ ta' kodiċijiet ta' kondotta.

il-Bord huwa tal-fehma li:

2.2.1 KUMMENTI ĠENERALI

10. Il-Bord josserva li, skont in-noti ġenerali tal-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni, l-FI SA se tirrieżamina l-akkreditazzjoni tal-korp ta' monitoraġġ "perjodikament" skont approċċ ibbażat fuq ir-riskju biex tiżgura li l-korp xorta jissodisfa r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni. Il-Bord jilqa' d-dispożizzjoni dwar il-valutazzjoni mill-ġdid perjodika tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni mill-FI SA sabiex tkun żgurata l-konformità mal-GDPR. Madankollu, għal raġunijiet ta' ċarezza u trasparenza, il-Bord iħeġġeġ lill-FI SA biex tipprovdi informazzjoni dwar kif fil-prattika għandu jaħdem ir-rieżami perjodiku.

11. Fir-rigward tar-rekwiżiti dwar il-kompetenza, it-Taqsima 3.1 tal-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-FI SA tiddikjara li l-korp ta' monitoraġġ għandu jkun konformi mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* fl-azzjonijiet tiegħu stess. Tabilħaqq, mhuwiex ċar kif ser tiġi kkontrollata l-konformità mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* mill-FI SA, pereżempju, jekk tkunx biżżejjed awtodikjarazzjoni tal-korp ta' monitoraġġ f'dan ir-rigward jew jekk titwettaqx valutazzjoni aktar komprensiva mill-SA. Għalhekk, il-Bord jirrakkomanda li l-FI SA tfassal mill-ġdid dan ir-rekwiżit f'termini ta' responsabbiltà, billi tikkjarifika li l-korp ta' monitoraġġ għandu juri konformità mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*.
12. Il-Bord iħeġġeġ lill-FI SA biex tinkludi jew fl-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni jew fil-gwida kumplimentari għar-rekwiżiti, xi eżempji tal-informazzjoni jew tad-dokumenti li l-applikanti jridu jissottomettu meta japplikaw għall-akkreditazzjoni.

2.2.2 INDIPENDENZA

13. Il-Bord jinnota li, skont in-noti ġenerali tal-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni, ir-rekwiżiti għandhom japplikaw għal korp ta' monitoraġġ irrispettivament minn jekk ikunx korp intern jew estern, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor. Il-Bord huwa tal-fehma li l-korpi ta' monitoraġġ interni ma jistgħux jiġu stabbiliti fi ħdan membru tal-kodiċi, iżda biss fi ħdan sid tal-kodiċi. Għalhekk, il-Bord jirrakkomanda li dan jiġi ċċarat u rifless jew fit-test tal-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni jew bħala eżempju.
14. Fir-rigward tal-ewwel paragrafu tan-nota ta' spjegazzjoni taħt it-Taqsima 1 tal-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-FI SA ("Indipendenza"), il-Bord jirrikonoxxi l-imparzjalità tal-korp ta' monitoraġġ mill-membri tal-kodiċi, il-professjoni, l-industrija jew is-settur li għalih japplika l-kodiċi. Madankollu, il-Bord huwa tal-fehma li dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu speċifikati b'mod ulterjuri, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwalunkwe rabta legali u ekonomika li tista' teżisti bejn il-korp ta' monitoraġġ u s-sid tal-kodiċi jew il-membri tal-kodiċi. Għal din ir-raġuni, il-Bord iħeġġeġ lill-FI SA biex temenda dan il-paragrafu kif xieraq.
15. Fir-rigward tat-tieni paragrafu tan-nota ta' spjegazzjoni taħt it-Taqsima "Indipendenza" tal-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-FI SA, il-Bord jinnota r-rekwiżiti strutturali u proċedurali biex tiġi żgurata l-indipendenza. Il-Bord jirrakkomanda li l-FI SA tabbozza mill-ġdid ir-rekwiżiti sabiex tenfasizza l-fatt li huwa l-korp ta' monitoraġġ li qed jitlob akkreditazzjoni li għandu jagħti prova tal-indipendenza tiegħu.
16. Barra minn hekk, il-Bord jinnota li l-korp ta' monitoraġġ għandu jkollu l-istabbiltà finanzjarja u r-riżorsi għall-operat tal-attivitajiet tiegħu u jikseb appoġġ finanzjarju għar-rwol ta' monitoraġġ tiegħu b'mod li ma jikkompromettix l-indipendenza tiegħu (it-Taqsima 1.1. u 1.3 tal-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-FI SA). Madankollu, il-Bord jikkunsidra li hija meħtieġa aktar spjegazzjoni dwar kif tista' tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja fit-tul tal-korp ta' monitoraġġ. B'mod partikolari, il-Bord jirrakkomanda li l-FI SA tabbozza mill-ġdid ir-rekwiżiti sabiex tispjega kif tkun garantita l-indipendenza finanzjarja f'każ li ma jkunux aktar disponibbli sors wieħed jew aktar ta' finanzjament. Barra minn hekk, il-Bord jikkunsidra li t-Taqsima 1.4 tal-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-FI SA għandha tinkludi wkoll referenza għall-ħtieġa li jiġu żgurati kjarifiki dwar kif tiġi żgurata l-indipendenza finanzjarja fir-rigward tar-riskji assoċjati mal-attivitajiet tal-korp ta' monitoraġġ tiegħu stess, pereżempju fil-każ ta' danni li jeħtieġ jitħallsu minħabba r-responsabbiltà tal-korp ta' monitoraġġ. Għalhekk il-Bord jirrakkomanda li l-FI SA tinkludi tali referenza fl-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni. Finalment, il-Bord jikkunsidra li t-Taqsima 1.4 tal-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-FI SA tibbenefika mill-

inklużjoni ta' xi eżempji fir-rigward tal-indipendenza finanzjarja tal-korp ta' monitoraġġ, sabiex jiġi enfasizzat kif il-korp ta' monitoraġġ jista' juri li l-mezzi li bihom huwa jikseb appoġġ finanzjarju m'għandhomx jaffettwaw ħażin l-indipendenza tiegħu. Pereżempju, il-korp ta' monitoraġġ ma jkunx ikkunsidrat finanzjarjament indipendenti jekk ir-regoli li jirregolaw l-appoġġ finanzjarju tiegħu jippermettu lil membru tal-kodiċi, li jkun taħt investigazzjoni mill-korp ta' monitoraġġ, iwaqqaf il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tiegħu lejha, sabiex jevita sanzjoni potenzjali mill-korp ta' monitoraġġ. Il-Bord iħeġġeġ lill-FI SA sabiex tipprovdi eżempji ta' kif il-korp ta' monitoraġġ jista' jipprovdi tali evidenza.

17. Fir-rigward tal-ħatra ta' membri/persunal tal-korp ta' monitoraġġ (it-Taqsima 1.5 tal-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-FI SA), il-Bord jirrakkomanda li l-FI SA tikkjarifika kif tista' tintwera l-indipendenza tal-korp ta' monitoraġġ, bl-allinjament tal-formulazzjoni tar-rekwiżit ma' dan tal-Linji Gwida (ara l-Paragrafi 63 sa 67), għal skopijiet ta' kjarifika.
18. It-Taqsima 1.12 tal-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-FI SA tirreferi għall-istruttura organizzattiva tal-korp ta' monitoraġġ intern u tiżgura l-imparzjalità tagħha, billi tagħmel talba li jkollha l-membri/persunal u l-maniġment separati. Il-Bord jirrikonoxxi li din il-formulazzjoni tkun ibbażata fuq il-Linji Gwida. Madankollu, il-Bord huwa tal-fehma li l-obbligu strett li jintuża persunal barra mill-korp ta' monitoraġġ intern jista' jkun diffiċli biex jinkiseb f'ċerti sitwazzjonijiet. Għal din ir-raġuni, il-Bord iħeġġeġ lill-FI SA biex ittaffi l-ħtieġa, sabiex tippermetti dawk is-sitwazzjonijiet eċċezzjonali li fihom ma jkunx possibbli għal korp ta' monitoraġġ intern li jkollu l-membri/persunal u l-maniġment separati mill-entità akbar li jappartjeni għaliha, sakemm ikun hemm salvagwardji xierqa fis-seħħ biex itaffu b'mod suffiċjenti r-riskju ta' indipendenza jew kunflitt ta' interess (il-paragrafu 66, paġna 22 tal-Linji Gwida).
19. It-Taqsima 1.13 tal-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-FI SA tirreferi għall-użu tas-sottokuntratturi mill-korp ta' monitoraġġ. Il-Bord huwa tal-fehma li s-sottokuntratturi għandhom ikunu jistgħu jggarantixxu l-istess grad ta' salvagwardji pprovduti mill-korp ta' monitoraġġ fit-twertiq tal-attivitajiet tagħhom, inkluż l-istess livell ta' kompetenza u għarfien espert. FI-istess ħin, il-korp ta' monitoraġġ għandu jkollu r-responsabbiltà aħħarija għad-deċiżjonijiet kollha meħuda relatati mal-funzjoni tal-monitoraġġ tiegħu. Għalhekk, il-Bord iħeġġeġ lill-FI SA tispeċifika li, minkejja r-responsabbiltà u l-obbligi tas-sottokuntrattur, il-korp ta' monitoraġġ għandu dejjem ir-responsabbiltà aħħarija għat-teħid ta' deċiżjonijiet u għall-konformità. Barra minn hekk, il-Bord huwa tal-fehma li, anke meta jintużaw is-sottokuntratturi, il-korp ta' monitoraġġ għandu jiżgura l-monitoraġġ effettiv tas-servizzi pprovduti mill-entità kontraenti. Il-Bord jirrakkomanda lill-FI SA biex b'mod espliċitu żżid dan l-obbligu fl-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni.
20. Il-Bord josserva li, skont it-Taqsima 1.15 tal-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-FI SA, meta jintużaw sottokuntratturi għal proċessi relatati ma' azzjonijiet ta' monitoraġġ, il-korp ta' monitoraġġ għandu jagħti kuntratti jew ftehimiet bil-miktub biex jiddeskrivi r-responsabbiltajiet eċċ., kif ukoll dokumentazzjoni tal-proċedura għas-sottokuntrattar. Il-Bord iħeġġeġ lill-FI SA biex tfassal mill-ġdid it-test sabiex tinkludi r-rekwiżiti relatati mat-terminazzjoni ta' dawn il-kuntratti, b'mod partikolari sabiex tiżgura li s-sottokuntratturi jissodisfaw l-obbligi tagħhom tal-protezzjoni tad-*data*. Barra minn hekk il-Bord iħeġġeġ lill-FI SA biex iżżid ir-rekwiżiti relatati mal-ġestjoni tar-riskju fir-rigward tal-ħatra tal-korp estern.

2.2.3 KUNFLITT TA' INTERESS

21. Il-Bord jieħu nota tar-rekwiżiti inklużi fl-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-FI SA, sabiex il-korp ta' monitoraġġ juri li l-eżerċitar tal-kompiti u d-dmirijiet tiegħu ma jirriżultax f'kunflitt ta' interess.

Madankollu, in-nota ta' spjegazzjoni taħt it-Taqsima 2 tal-abbozz tar-rekwiżiti ma tipprovdix biżżejjed kjarifika dwar liema sitwazzjonijiet jistgħu jirriżultaw f'kunflitt ta' interess. Il-Bord huwa tal-fehma li, għal raġunijiet prattiċi, jistgħu jkunu ta' għajjnuna eżempji ta' każijiet fejn jista' jkun hemm kunflitt ta' interess. Eżempju ta' sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess ikun il-każ meta l-persunal li jwettaq l-awditjar jew li jieħu d-deċiżjonijiet f'isem korp ta' monitoraġġ, fis-snin riċenti, ikun qabel ħa-dem għas-sid tal-kodiċi, jew għal kwalunkwe waħda mill-organizzazzjonijiet li jkunu qed jaderixxu għall-kodiċi fis-snin riċenti. Għalhekk, il-Bord iħeġġeġ lill-FI SA biex iżżid xi eżempji simili għal dak ipprovdut f'dan il-paragrafu. Barra minn hekk, il-Bord iħeġġeġ lill-FI SA sabiex tabbozza mill-ġdid ir-rekwiżit taħt din it-taqsima, sabiex jiġi kkjarifikat li l-kunflitti ta' interess jistgħu jiddependu wkoll mill-ispeċifitàjiet tas-settur(i) li għalihom tapplika s-CoC.

22. Il-Bord jirrikonoxxi li n-nota ta' spjegazzjoni taħt it-Taqsima 2 tal-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-FI SA tirreferi għall-identifikazzjoni ta' sitwazzjonijiet li x'aktarx joħolqu kunflitt ta' interess u l-fatt li għandhom jittieħdu miżuri sabiex jiġi evitat dan il-kunflitt. Madankollu, il-Bord huwa tal-fehma li, fir-rigward tal-korpi ta' monitoraġġ intern, ir-rekwiżiti relatati mal-oneru tal-prova tan-nuqqas ta' kunflitt ta' interess għandhom ikunu aktar stretti u jirrakkomanda li r-rekwiżiti jiġu abbozzati mill-ġdid kif xieraq.
23. It-Taqsima 2.1 tal-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-FI SA tiddikjara li l-korp ta' monitoraġġ ma għandu jipprovidi ebda servizz lil membri tal-kodiċi li b'mod negattiv jaffettwa l-imparzjalità tiegħu. Il-Bord jilqa' dan ir-rekwiżit, madankollu huwa jikkunsidra li r-riskji għall-imparzjalità jistgħu jinħolqu minn firxa wiesgħa ta' attivitajiet imwettqa mill-korp ta' monitoraġġ anke fil-konfront tas-sidien tal-kodiċi (b'mod speċjali jekk il-korp ta' monitoraġġ ikun intern) jew ta' korpi oħra rilevanti tas-settur ikkonċernat. Għaldaqstant, il-Bord iħeġġeġ lill-FI SA tissupplimenta r-rekwiżit attwali kif xieraq.

2.2.4 PROCĊDURI U STRUTTURI STABBILITI

24. Fir-rigward tal-proċeduri u l-istrutturi stabbiliti, il-Bord josserva li r-rekwiżiti taħt it-Taqsima 4 tal-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-FI SA ikunu ppreżentati b'mod ġenerali. Il-Bord huwa tal-fehma li l-proċeduri għall-monitoraġġ tal-konformità mal-kodiċi ta' kondotta jridu jkunu speċifiċi biżżejjed biex jiżguraw applikazzjoni konsistenti tal-obbligi tal-korpi ta' monitoraġġ tal-kodiċi.
25. B'mod partikolari, dawn il-proċeduri jeħtieġ li jindirizzaw il-proċess sħiħ ta' monitoraġġ, mill-preparazzjoni tal-evalwazzjoni sal-konklużjoni tal-awditjar, kif ukoll kontrolli addizzjonali biex jiżguraw li jittieħdu azzjonijiet xierqa biex jirrimedjaw ksur u biex jipprevjenu reati ripetuti. Barra minn hekk, il-korp ta' monitoraġġ għandu jipprovidi evidenza ta' proċeduri bil-quddiem, ad hoc u regolari biex jimmonitorja l-konformità tal-membri f'qafas ta' żmien ċar, u jivverifika l-eliġibilità tal-membri qabel ma jissieħbu fil-kodiċi.² Għalhekk, il-Bord jirrakkomanda li l-FI SA tiżviluppa aktar dawn ir-rekwiżiti u żżid eżempji tal-proċeduri msemmija hawn fuq (bħal, proċeduri li jipprevedu pjanijiet ta' awditjar li għandhom jitwettqu fuq perjodu definit u abbażi ta' kriterji predeterminati, metodoloġija speċifika ta' kontroll u d-dokumentazzjoni u l-valutazzjoni tas-sejbiet kif ukoll il-kooperazzjoni sħiħa mill-membri tal-kodiċi).

² L-EDPB ipprova xi eżempji ta' dawn il-proċeduri fit-Taqsima 2.2.4 tal-Opinjoni 9/2019 dwar l-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-SA Awstrijaka għal korp ta' monitoraġġ tal-kodiċi ta' kondotta skont l-Artikolu 41 tal-GDPR.

26. It-Taqsima 4.4 tal-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-FI SA tagħmel referenza għal deskrizzjonijiet ta' miżuri korrettivi f'każ ta' ksur li jeħtieġ li jiġu implimentati mill-FI SA. Il-Bord huwa tal-fehma li dawn il-miżuri korrettivi jridu jiġu stabbiliti fil-kodiċi ta' kondotta, skont l-Artikolu 40(4) tal-GDPR. Għaldaqstant, il-Bord jirrakkomanda li l-FI SA tagħmel referenza għal-lista ta' miżuri stabbiliti fil-kodiċi ta' kondotta f'każijiet ta' ksur tal-kodiċi minn kontrollur jew proċessur li jkun qed jaderixxi miegħu.

2.2.5 INDIRIZZAR TAL-ILMENTI B'MOD TRASPARENTI

27. Fir-rigward tat-Taqsima 5.1 tal-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-FI SA, il-Bord jirrikonoxxi li l-korp ta' monitoraġġ għandu jstabbilixxi proċeduri u strutturi effettivi biex jindirizza l-ilmenti b'mod imparzjali u trasparenti. F'dan ir-rigward, il-Bord jinnota li l-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-FI SA jinkludi deskrizzjoni tal-proċedura għall-indirizzar tal-ilmenti. Madankollu, il-Bord huwa tal-fehma li hija meħtieġa aktar kjarifika fir-rigward tal-"perjodu ta' żmien stmat" għat-tweġib tal-ilmenti. F'dan ir-rigward, il-proċedura għandha tipprevedi li l-korp ta' monitoraġġ jinforma lill-ilmentatur permezz ta' rapporti ta' progress jew bl-eżitu tal-ilment, f'perjodu ta' żmien raġonevoli. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż meta jkun meħtieġ, waqt li jiġu kkunsidrati d-daqs tal-organizzazzjoni investigata, kif ukoll id-daqs tal-investigazzjoni. Għaldaqstant, il-Bord jirrakkomanda li r-rekwiżit jiġi abbozzat mill-ġdid kif xieraq.
28. Fir-rigward tat-Taqsima 5.4 tal-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-FI SA, il-Bord jinnota li d-deċiżjonijiet tal-korp ta' monitoraġġ, jew l-informazzjoni ġenerali tiegħu, għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku f'konformità mal-proċedura tal-indirizzar tal-ilmenti tiegħu. Mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-Bord iħeġġeġ lill-FI SA biex temenda dan ir-rekwiżit sabiex id-deċiżjonijiet jiġu ppubblikati meta jirrigwardaw ksur ripetut u/jew serju, bħal dawk li jstgħu jwasslu għas-sospensjoni jew l-esklużjoni tal-kontrollur jew tal-proċessur ikkonċernat mill-kodiċi, inkella għandha tiġi kkunsidrata adegwata l-pubblikazzjoni ta' sommarji ta' deċiżjonijiet jew ta' *data* statistika. Madankollu, is-suġġetti tad-*data* għandhom, fi kwalunkwe każ, ikunu infurmati dwar l-istatus u l-eżitu tal-ilmenti individwali tagħhom, sabiex jiġu rrispettati r-rekwiżiti ta' trasparenza ta' din il-proċedura.

2.2.6 STATUS LEGALI

Fir-rigward tal-istatus legali tal-korp ta' monitoraġġ, it-Taqsima 8.2 tal-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-FI SA tiddikjara li l-korp ta' monitoraġġ għandu jkollu riżorsi adegwati għal dmirijiet u responsabbiltajiet speċifiċi fuq perjodu ta' żmien xieraq. Il-Bord jikkunsidra li l-eżistenza ta' riżorsi finanzjarji u riżorsi oħra suffiċjenti għandha tkun akkumpanjata mill-proċeduri meħtieġa biex jiġi żgurat il-funzjonament tal-mekkaniżmu tal-monitoraġġ fuq perjodu ta' żmien. Għaldaqstant, il-Bord iħeġġeġ lill-FI SA biex tabbozza mill-ġdid ir-rekwiżit kif xieraq.

3 KONKLUŻJONIJET / RAKKOMANDEZZJONIJET

29. L-abbozz tar-rekwiżiti tal-akkreditazzjoni tal-Awtorità Superviżorja Finlandiża jista' jwassal għall-applikazzjoni inkonsistenti tal-akkreditazzjoni tal-korpi ta' monitoraġġ u jeħtieġ li jitwettqu l-bidliet li ġejjin:
30. Fir-rigward ta' kummenti ġenerali, il-Bord jirrakkomanda li l-FI SA:

1. Tabozza mill-ġdid it-Taqsima 3.1 fit-termini tar-responsabilità, fejn tikkjarifika li l-korp ta' monitoraġġ għandu juri konformità mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*.

31. *Fir-rigward tal-indipendenza, il-Bord jirrakkomanda li l-FI SA:*

1. tikkjarifika, jew fit-test tar-rekwiżiti jew bħala eżempju, li l-korpi ta' monitoraġġ intern ma jistgħux jiġu stabbiliti fi ħdan membru tal-kodiċi, iżda biss fi ħdan sid tal-kodiċi.
2. tabozza mill-ġdid it-tieni paragrafu tan-nota ta' spjegazzjoni, sabiex jiġi enfasizzat li huwa l-korp ta' monitoraġġ li qed jagħmel it-talba għall-akkreditazzjoni li għandu jagħti prova tal-indipendenza tiegħu.
3. tabozza mill-ġdid it-Taqsimiet 1.1. u 1.6 biex tispjega kif l-indipendenza finanzjarja tiġi ggarantita meta sors ta' finanzjament wieħed jew aktar ma jkun aktar disponibbli.
4. tinkludi fit-Taqsima 1.4 kjarifiki dwar kif l-indipendenza finanzjarja tiġi żgurata fir-rigward tar-riskji assoċjati mal-attivitajiet tal-korp ta' monitoraġġ stess, pereżempju f'każ ta' danni li jeħtieġu jitħallsu minħabba r-responsabbiltà tal-korp ta' monitoraġġ.
5. tikkjarifika kif l-indipendenza tal-korp ta' monitoraġġ tista' tintwera bl-allinjament tal-formulazzjoni tar-rekwiżit ma' dan tal-Linji Gwida, fir-rigward tal-ħatra ta' membri/persunal tal-korp ta' monitoraġġ fit-Taqsima 1.5.
6. iżżid fit-Taqsima 1.13 li, anke meta jintużaw is-sottokuntratturi, il-korp ta' monitoraġġ għandu jiżgura l-monitoraġġ effettiv tas-servizzi pprovduti mill-entità kontraenti.

32. *Fir-rigward tal-kunflitt ta' interess il-Bord jirrakkomanda li l-FI SA:*

1. Tabozza mill-ġdid ir-rekwiżiti taħt in-nota ta' spjegazzjoni fit-Taqsima 2 relatati mal-korpi ta' monitoraġġ intern b'mod aktar strett, sabiex tinkludi l-oneru tal-prova tan-nuqqas tal-kunflitt ta' interess.

33. *Fir-rigward ta' proċeduri u strutturi stabbiliti, il-Bord jirrakkomanda li l-FI SA:*

1. tiżviluppa ulterjorment taħt it-Taqsima 4 il-proċeduri biex tissorvelja l-konformità mal-kodiċi ta' kondotta u tinkludi eżempji ta' tali proċeduri.
2. tirreferi fit-Taqsima 4.4 għal-lista ta' miżuri korrettivi stipulati fil-kodiċi ta' kondotta f'każijiet ta' ksur tal-kodiċi minn kontrollur jew proċessur li jkun qed jaderixxi miegħu.

34. *Fir-rigward tal-indirizzar tal-ilmenti b'mod trasparenti l-Bord jirrakkomanda li l-FI SA:*

1. tabozza mill-ġdid it-Taqsima 5.1 biex tindika li l-proċedura għat-tweġib ta' lmenti għandha tipprevedi l-obbligu min-naħa tal-korp ta' monitoraġġ li jinforma lill-ilmentatur permezz ta' rapporti ta' progress jew bl-eżitu tal-ilment fi żmien raġonevoli. Dan il-perjodu ta' żmien jista' jiġi estiż meta jkun meħtieġ, waqt li jiġu kkunsidrati d-daqs tal-organizzazzjoni taħt investigazzjoni, kif ukoll id-daqs tal-investigazzjoni.

4 RIMARKI FINALI

35. Din l-opinjoni hija indirizzata lill-awtorità supervizzorja Finlandiża u se ssir pubblika skont l-Artikolu 64(5) (b) tal-GDPR.
36. Skont l-Artikolu 64 (7) u (8) tal-GDPR, l-FI SA għandha tikkomunika lill-President b'mezzi elettroniċi fi żmien ġimagħtejn wara li tirċievi l-opinjoni, jekk hijiex se temenda jew iżżomm l-abbozz tad-deċiżjoni tagħha. Fl-istess perjodu, għandha tipprovdi l-abbozz emendat tad-deċiżjoni jew fejn ma jkollhiex il-ħsieb li ssegwi l-opinjoni tal-Bord, għandha tipprovdi r-raġunijiet relevanti li abbażi tagħhom ma jkollhiex l-intenzjoni li ssegwi din l-opinjoni, kollha kemm hi jew parti minnha.
37. L-FI SA għandha tikkomunika d-deċiżjoni finali lill-Bord għall-inklużjoni fir-reġistru tad-deċiżjonijiet, li kienu soġġetti għall-mekkaniżmu ta' konsistenza, skont l-Artikolu 70 (1) (y) tal-GDPR.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Il-President

(Andrea Jelinek)